MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 51

23 ta' April 2019

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
CONNIE SCERRI – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI – Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
JOHN DEBONO – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezzjoni tas-Sinjuri John Debono, Connie Scerri, Raymond Azzopardi u Ralph Cassar li sal-bidu tal-laqgħa kienu għadhom ma waslux. Il-laqgħa bdiet fil-ħin minħabba li kien hemm quorum.

## 51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

51.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv galadarba ma rċeviet l-ebda imejl assumiet li f'xi ħin jew ieħor ġejjin. F'każ li s-Sur Debono, bħal qabel, ma jilħqax jiġi se tintalab ittra t'apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

51.2.1 Il-minuti ġew approvati .
5.35pm Is-Sinjuri Scerri, Azzopardi u Cassar waslu f'dan il-mument.

## 51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill rigward:

51.3.1 Triq Mario Cortis: li mhux prudenti li tinqala' issa xahar qabel l-Elezzjonijiet. Ir-ragunijiet huma li hemm xi problem logistiċi u ta' permessi kif ukoll mhux iż-żmien li jsiru dawn ix-xogħolijiet.

51.3.2 Cigarette bins: dawn kienu preżentati waqt il-laqgħa Plenarja u ġew ordnati 4 oħra. 3 kienu b'xejn . Dawn waslu biex jiġu.

51.3.3 Farewell dinner (pizza + drink) li ġiet issuġġerita mis-Sur Alfred Zammit u li se ssir nhar il-Erbgħa, 22 ta' Mejju qabel l-aħħar laqgħa tal-Kunsill. L-aħħar laqgħa se ssir f'Ġunju qabel jittieħed il-ġurament tal-ħatra (18.06.19) u fiha jiġu approvati biss il-Minuti biex tingħalaq din il-leġislatura.

## 51.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

51.4.1 Is-Sur Alfred Zammit:

- Li hemm stage fi Triq Santa Katerina faċċata tal-bus tal-Papa li hi dejqa u l-bankina kollha mtella'.
- Li fejn hemm il-bus tal-Papa l-gardina tal-madwar għandha bżonn tindifa
- Li l-ħaxix ta' quddiem dak il-plot ħdejn il-Conimex reġa' kiber. Is-Sur Cordina qal li għalkemm mhux fil-kompetenzi tagħna dan se jitnaddaf.

51.4.2 Is-Sur Ralph Cassar:

- Ġibed l-attenzjoni li issa li din il-leġislatura waslet fl-aħħar ta' min jgħid li proġetti ġa mibdija u ppjanati għandhom jitkomplew u dan primarjament qed jingħad għall-proġett tal-Paviljun, Ċentru Turistiku Informattiv li għalkemm kien hemm xi issues, il-

proġett ġie preżentat kif inhu u ġie aċċettat mill-Unjoni Ewropeja kif inhu. It-tinda hija attaposta biex isiru l-attivitajiet taħtha *so it recalls* u għaldaqstant m'għandniex nibqgħu lura u nerġgħu nibdew mill-bidu. Kulħadd qabel.

- Kien hemm pjanti minn Transport Malta biex isiru centre strips fi Triq Victor Vassallo sabiex jitnaqqas l-ispeed eċċessiv. Is-Sur Cordina qal li dak il-proġett propost minn TM ma jistax isir minħabba li tali centre strips se jkunu barriers għall-mixi tal-ilmijiet fix-xita.
- Li hu dar dawra l-Ġonna u hemm bżonn ħafna xogħol u nfatti hemm bżonn li jsir rapport tal-andament tax-xogħolijiet.
- Għadda bandiera tal-Allied Rainbow Community sabiex tiddendel fil-ġurnata ddedikata lill-LGBTQI

51.4.3 Is-Sinjura Connie Scerri:

- Saqsiet fuq min għamel is-siġar fl-industrial estate. Is-Sur Cordina qal li dawn saru mil-Industrial Parks.
- Lmentat fuq il-ġbir ta' skart fi Triq Dun Mikiel Xerri għax jibda kmieni u fuq il-ġbir ta' skart organiku minħabba li jinġabar iktar tard u fis-Sajf jibda jinten. Is-Sur Cordina qal li jinġabru s-suwed l-ewwel għax inkella l-bojod ma jidhrux. Qal ukoll li l-agħar nhar ta' Ġimgħa meta mal-organiku u riċiklaġġ ikun hemm il-ħġieġ u allura dan jinġabar tard. Barra minn hekk minn x'imkien irid jibda u min ieħor jispiċċa.
- Talbet doggy bin fi Triq iż-Żnuber
- Talbet vleġġa biex min ħiereġ minn Triq iż-Żir idur l-isfel.

51.4.4 Is-Sur Ray Azzopardi;

- Saqsa fuq ħofra ħdejn D Peak. Is-Sur Cordina qal li qed insegwuha ma' TM.
- Hemm xi 'yukka' qed tistrieħ biex nibgħatu nota l-MIP jew naraw ta' min hi fl-area ta' Triq l-Imdina
- Qal li n-nies qed isibu diffikulta' biex jiġbru l-pakketti mill-posta ġewwa Birkirkara. Is-Sur Cordina qal li hemm arranġamenti sa fejn jaf hu biex tinfetaħ posta ġo Ħ'Attard.
- Tniediha ta' app mill-Kunsill Lokali Msida sabiex isiru rapport min-nies permezz tal-mobiles.
- Iż-żebra crossings fi Triq Victor Vassallo għandhom nuqqas ta' dawl.

## 51.5 Rapporti

51.5.1 Ġew preżentati l-Estimi Finanzjarji Awditjati u r-Rapport tal-Kwart tas-Sena Nru. 4 . Ma kienx hemm bdil fl-estimi finanzjarji ħlief għal xi aġġustamenti li saru fejn ma ġewx affetwati bilanċi kbar u dan in maggior parte minħabba li kien hemm opinjoni differenti bejn l-Awdituri u l-Accountant. Kien hemm qbil bejna tlieta u l-aġgustamenti ġew aċċettati. Ħadd ma kellu oġġezzjoni u għaldaqstant kollox ġie approvat.

## 51.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

51.6.1 Is-Sur Spiteri xtaq jitkellem fuq Triq Annibale Preca minħabba li fl-aħħar laqgħa kien jinsab indispost. Hu qal li din it-triq la 'l fuq u lanqas 'l isfel m'għandha tiġi *one way*. Hu qal li fl-

interess tal-Kunsill li ma ssirx għax il-fuq ħa taffettwa ħafna residenti u l-isfel ħa titfa' ħafna traffiku ġol qalba ta' Ħ'Attard speċjalment jekk tinfetaħ Triq Lorenzo Manche'. Anzi kompla s-Sindku jgħid qatt m'għandu jiġi suġġerit li din it-triq tinfetaħ għalkemm kompla s-Sur Cassar din hi skedata li tinfetaħ. Is-Sur Cordina qal li biex isir kwalunkwe tibdil TM trid toħroġ bi proposti konkreti li ma jaffettwawx negattivament lin-nies.

## 51.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

51.7.1 Approvata.

## 51.8 Mozzjonijiet; u

51.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 51.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

51.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.50pm u ġiet aġġornata għat-22 ta' Mejju 2019 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 22 ta' Mejju 2019.

| | |
|---|---|
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |